MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 34/2012

**Albert Zammit**

**Vs**

**Arcipriet Dun Tarcisio Camilleri u Segretarju Amministrattiv, Kurja Veskovili fil-kwalita taghhom ta' rappreżentanti tal-Knisja Parrokkjali Sannat, Ghawdex**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-14 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' tlett mija u ghoxrin euro [€320] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-attur akkwista minghand il-konvenuti qabar, bin-numru mija u tmienja u ghoxrin (128) fic-cimiterju ta' Sannat, Ghawdex, ai termini ta' kuntratt datat it-tmintax (18) ta' Frar, elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi;

Illi skond dan il-kuntratt, il-prezz tal-qabar kien ta' elf, hames mija u tmenin euro (€1,580) ma liema ammont htigilhom jiġu maghduda l-boll fis-somma ta' tmenin euro (€80) u l-kont tan-Nutar fl-ammont ta' mitt euro (€100);

Illi minkejja li l-imsemmija spejjez sommanti jammontaw ghal elf, seba' mija u sittin ewro (€1,760) l-attur gie mitlub, mill-Parrocca ta' Sannat, ihallas is-somma ta' elfejn u tmenin Euro (€2,080), liema ammont ihalli differenza indebita ta' tliet mija u ghoxrin euro (€320);

Illi ta' din id-differenza l-attur qatt ma nghata spjegazzjoni, anzi nghata x'jifhem illi parti minnha hija t-taxxa fuq qliegh kapitali talvolta dovuta mill-konvenuti u li llegalment gie mitlub ihallas l-attur;

Illi ghaldaqstant, l-ammont ta' tliet mija u ghoxrin euro (€320) gie indebitament imhallas mill-attur u ghalhekk ghandu dritt ghar-rifuzjoni ta' din is-somma.

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' Lulju 2012 u ta' l-ittra uffiċjali ta' Awwissu, 2012, u bl-ingunzzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-3 ta' Dicembru, 2012 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi in linja preliminari, l-esponenti qeghdin jirrikuzaw lill-gudikatur peress li huwa ppatrocina lill-attur f'korrispondenza anteċedenti ghall-prezentata ta' dan l-avviz, u peress li Marsette Xerri, li ffirmat dan l-avviz, tipprattika fl-istess uffiċju legali tieghu;

Illi minghajr preġudizzju ghall-premess, iz-zewg konvenuti ma humiex il-legittimi kontraditturi tal-attur stante li r-relazzjoni tieghu hija mal-enti li maghha gie konkluż il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Cachia tat-tmintax (18) ta' Frar elfejn u tnax (2012);

Illi minghajr preġudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, kif sejjer jiġi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan l-avviz.

It-talbiet ghandhom ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha illi sejrin jirriżultaw fis-smiegh ta' din il-kawza jiġu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess attur".

Ra d-digriet datat 10 ta' Dicembru, 2012 fejn il-Gudikatur Dottor Kevin Mompalao astjena milli jisma dan il-kaz u dan minhabba raġunijiet validi fil-ligi.

Ra r-rikors tar-rikorrenti datat 27 ta' Novembru, 2012 fejn talab l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal sabiex fl-okkju tal-kawza jiżdiedu l-kliem "*fil-kwalita taghhom ta' rappreżentanti tal-Knisja Parrokkjali Sannat Ghawdex*". Ra d-digriet tieghu datat 8 ta' Jannar 2013 fejn it-Tribunal laqgha t-talba u ordna li ssir il-korrezzjoni kif tirriżulta mill-istess rikors.

Ra l-verbal datat 17 ta' Settembru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum stess;

Ra x-xhieda;

Ra l-atti kollha esebiti inkluż id-dokumenti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2013 **xehed r-rikorrenti**. Beda biex qal li huwa kien xtara qabar fil-lokalita tas-Sannat, ġewwa Ghawdex fl-2006. Huwa esebixxa kopja tal-kuntratt relattiv datat 18 ta' Frar, 2012 (dok. AZ 1) u l-prezz hallsu dak-in-nhar li ffirma l-kuntratt ta' akkwist. Huwa qal li meta kien intriga ghal dan il-qabar, huwa gie nfurmat mill-Arcipriet Dun Anton Mizzi li l-qabar kien ser jiswa Lm700 pari ghal €1,630.56c oltre l-ispejjez tan-Nutar. Ir-rikorrenti jghid li ma issemmewx spejjez ohra li kellhom jithallsu.

Kompla jghid li dak-in-nhar li gie ffirmat il-kuntratt ta' akkwist, huwa hallas is-somma ta' €2,080, liema ammont inghata lin-Nutar li ppubblika l-kuntratt relattiv. Zied ighid li skond ma jirrizulta minn dan il-kuntratt, il-prezz tal-Qabar kien ta' €1,580. Mistoqsi jekk ġiex spjegat lilu x'kienu jirrappreżentaw d-differenza fil-prezz bejn dak li huwa hallas u dak li jirrizulta mill-kuntratt, huwa qal li ma inghata l-ebda informazzjoni. Eventwalment talab spjegazzjoni minghand Victor Guzman u minghand in-Nutar li ppubblika l-att. Huwa gie nfurmat li d-differenza ta' €320 kienet ghall-ispejjez ta' l-amministrazzjoni. Mistoqsi r-raguni l-ghala huwa hallas dan l-ammont meta kien jaf li l-ammont kellhu jkun inqas, ir-rikorrenti qal li "*.. jien dawk hallasthom ghaliex sibt illi kienu l-valur tal-qabar u l-ispejjez tan-Nutar*" (fol. 18).

Ir-rikorrenti talab ukoll lin-Nutar Tonio Cauchi sabiex jaghtih rendikont ta' l-ispejjez u dan baghtlu l-fattura relattiva li ġiet esebita u mmarkata bhala dok. AZ 2. Dan ovvjament wara li kien gie ppublikat il-kuntratt.

In kontro-ezami qal li huwa hallas s-somma ta' €2,000 lil Knisja Parrokjali ta' Santa Margerita, Sannat (dok. AZX 1) u €80 lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (dok. AZX 2). Dawn it-€80, jkompli jghid ir-rikorrenti huwa ghadihom lin-Nutar Cauchi li imbaghad hallas lill-imsemmi dipartiment. Imbaghad hallas €100 lin-Nutar ghad-drittijiet u spejjez inkorsi minnhom fil-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' akkwist tal-qabar.

2. **Patrick Grima** xehed fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2013. Huwa qal li xtara qabar mill-Knisja Parrokjali tas-Sannat dak-in-nhar li r-rikorrenti xtara l-qabar tieghu. Ikompli jghid li qabel ma' iffirma l-kuntratt huwa kien baghat lill-missier il-mara tieghu sabiex jindaga dwar xiri ta' qabar. Missier il-mara kien qallu li l-prezz tal-qabar kellu jkun ta' seba mitt lira maltin (LM700). Qal ukoll li jekk jiftakar sew, dak in-nhar tal-kuntratt huwa kien hallas madwar elfejn ewro (€2,000).

Ix-xhud qal li huwa ma qadx jitlob spjega u lanqas ma inghata spjega ghalfejn zammewlu elfejn ewro (€2,000)

fuq il-kuntratt meta lill-missier il-mara tieghu kienu qalulu li l-prezz kellu jkun ta' seba' mitt lira maltin (LM700). Ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li ma talab l-ebda rendikont tal-ispejjez li hallas fuq il-kuntratt tax-xiri tal-qabar.

In kontro-ezami, x-xhud qal li meta kienu ltaqaw fit-18 ta' Frar 2012 biex jiffirmaw il-kuntratt tax-xiri tal-qabar, kien inqala xi diskors u dan fis-sens li kien se jkun hemm dovuta wkoll kull sena mizata ta' madwar ghoxrin ewro (€20) minn kull individwu biex ikunu jistghu jsiru l-affarijiet mehtiega bhal manutenzjoni ghal dawn l-oqbra. Il-mistoqsija li kien hemm kienet jekk dawk l-ghoxrin ewro (€20) kienux ser jibqghu ghoxrin ewro (€20) ghal dejjem. Ighid li l-Arcipriet u l-persuni li kienu qeghdin hemm hekk prezenti mieghu ma setghux jaghtuhom risposta ghal din il-mistoqsija. Kien hemm min kien dizgustat minhabba dan il-fatt. Ir-rapprezentanti tal-kurja kienu qalulhom li kienu ser inkellmuhom lura fuq dan il-punt. It-talba tal-persuni li kienu ser jixtru l-oqbra kienet fis-sens li huma xtaqu jkunu jafu b'liema perċentaġġ kienet se tizdied din il-mizata ghall-manutenzjoni. Mistoqsi dwar x'hiex kien qed jilmenta r-rikorrenti, x-xhud qal li dan kien qieghed jilmenta fuq dawn l-ghoxrin ewro (€20), bhal ma' kien qed jilmenta kulhadd. Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies li ma ffirmawx il-kuntratt dak in-nhar minhabba din l-ghoxrin ewro (€20) annwa ghall-manutenzjoni, huwa qal li kien hemm tnejn min nies li hargu l-barra mill-laqgha – ghalkemm ma jafx x'kienet ir-raguni l-ghala kienu telqu l-barra – sakemm kien qieghed hemm pero ma setax ighid jekk dawn irritornawx wara li kien telaq. Mistoqsi jekk issemmewx xi ammonti ohra dak in-nhar li marru biex jaghmlu l-kuntratt, ix-xhud qal li n-nies preżenti, kull ma ssemmew kienet din il-kwistjoni ta' l-ghoxrin ewro (€20) annwi ghall-manutenzjoni.

3. **L-Arcipriet Dun Tarcisio Camilleri**, Arcipriet tal-Knisja Parrokjali tas-Sannat xehed fis-seduta tat-23 ta' April, 2013. Huwa qal li l-Knisja minnu rappreżentata kellha ghaxart' oqbra xi tbiegh u dak in-nhar li kienu ser jiġu ffirmati l-kuntratti relattivi, kienet saret laqgha fejn in-Nutar Cauchi kien spejgalhom x'kien ser isir, inkluż l-ispejjez involuti. Meta gie mistoqsi mit-tribunal x'inhuma

dawn it-€320 li qed issemmi r-rikorrenti u li skond hu thallsu indebitament, l-intimat qal li “*... dawn huma spejjez tal-amministrazzjoni tal-Kurja*” (fol. 39). Zied ighid li dak-in-nhar li ltaqghu, in-Nutar Cauchi u Victor Guzman spjegaw lin-nies preżenti li kien hemm €320 spejjez tal-amministrazzjoni tal-kurja. Qal li “*Kien hemm min ma qabilx ma’ dawn it-tlett mija u ghoxrin euro (€320) spejjez u fil-fatt ma ghamlux il-kuntratt biex bih jakkwistaw il-qabar*” (fol. 39). Di fatti, jkompli jghid l-intimat “*kien hemm żewġ familji ohra li ma xtrawx dawn l-oqbra minhabba dawn l-ispejjez*” (fol. 39). Dwar ir-rikorrenti, x-xhud qal li dan kien jaf b’dawn l-ispejjez addizzjonali u kien staqsa dwarhom kemm-il darba fil-laqgha li kienet saret dak-in-nhar li gie ffirmat il-kuntratt. Ghalhekk, ighid l-intimat, ir-rikorrenti kien konsapevoli taghhom qabel ma ffirma l-kuntratt relattiv. Mistoqsi mit-Tribunal sabiex jispjega x’kienu dawn l-ispejjez amministrattivi, l-intimat qal li dawn jinkludu “*... ġiri bil-karozzi l’hemm u l’hawn, photocopies u affarijiet ohra simili*” (fol. 39). Minn dawn it-€320, ikompli jghid l-intimat, kien hemm parti li tkopri l-hlasijiet tal-partijiet komuni.Qal li “*r-rikorrenti sal-lum ma hallasx tal-common parts*” (fol. 39).

Mistoqsi in kontro-ezami jekk dawn l-ispejjez amministrattivi kienux issemmew lir-rikorrenti qabel ma kienet saret il-laqgha li fiha gew iffirmati l-kuntratti ta’ l-oqbra, x-xhud qal li le dawn qatt ma kienu ssemmew. Ghalaq billi qal li dawn it-€320 kienu thallsu minn kull min iffirma l-kuntratt ghall-akkwist tal-qabar dak-in-nhar li ffirma l-kuntratt tieghu r-rikorrenti.

4. **Victor Guzman**, l-amministratur tal-Kurja ta’ Ghawdex xehed fis-seduta tat-23 ta’ April, 2013. Huwa qal li dak-in-nhar li sar il-kuntratt ta’ bejgh kien hemm madwar disgha jew ghaxar persuni li riedu jixtru qabar. Ir-rikorrenti kien wiehed minnhom. Huwa qal li kien spjega u qara l-procedura lin-nies preżenti kif ukoll l-ispejjez involuti. Zied ighid li wara din l-ispjega “*... ahna konna ghidna wkoll lin-nies preżenti li min ried ma jiehux dan il-qabar setgha jaghmel hekk liberament*” (fol. 41). Fil-fatt kien hemm xi nies li ma baqghux ghaddejjin bil-kuntratt minhabba dawn l-ispejjez. Kompla jispjega li “*dawn it-tlett mija u ghoxrin*

*ewro (€320) fuq kull individwu kienu spejjez li saru bejn il-kurja u bejn il-parrocca bhala amministrazzjoni*" (fol. 41). F'dawn it-€320 kien hemm spejjez ġenerali, hin tan-nies u affarijiet ohra simili. Ix-xhud jiftakar li r-rikorrenti "*... kien ilmenta fuq dawn it-tlett mija u ghoxrin ewro (€320) u jien ghidtlu li jekk hu jhoss li ma jridx ihallashom allura setgha faċilment ma jiffirmax il-kuntratt. Minkejja dan hu xorta ffirma l-kuntratt*" (fol. 41). Qal ukoll li dak-in-nhar li saru l-kuntratti ma kienx inghata rendikont ta' kif kienu nqasmu l-ispejjez u dan anke minhabba l-fatt li n-Nutar kellhu jara l-ispejjez tat-taxxa. In kontro-ezami huwa qal li qatt ma kien iltaqa mar-rikorrenti hlief dak-in-nhar li saru l-kuntratti tax-xiri ta' l-oqbra u li qatt ma kien spjegalu jew kien ghaddielu rendikont tal-flejjes li kellhu jhallas biex jixtri dan il-qabar. Ghar-rigward l-ispejjez tan-Nutar, dawn kienu apparti l-imsemmi ammont ta' €320.

5. **Dun Anton Mizzi**, viċi parroku tal-Parocca tas-Sannat qal li huwa kien preżenti dak-in-nhar li kienu saru l-kuntratti fejn inbieghu l-oqbra. Il-prezz komplessiv kien ta' €2,080 u dan il-prezz kien maghruf minn kull minn kien preżenti. Zied ighid li "*waqt li kien qed jispjega l-prezz u d-dettalji Victor Guzman, kien hemm min beda jsaqsi mistoqsijiet*" (fol. 43). Qal ukoll li hu ma kienx hemm il-hin kollu iżda jinsab ċert li kieku kien hemm xi diffikultajiet, in-nies kienu jistaqsu.

In kontro-ezami, huwa qal li madwar hames jew sitt snin ilu kien kellmu r-rikorrenti biex jixtri qabar. Safejn jiftakar hu, l-prezz kien ta' Lm675. Mistoqsi jekk ir-rikorrenti kienx kellmu fuq dawn it-€320 wara li kien iffirma l-kuntratt ta' akkwist, ix-xhud qal li ma jiftakarx. L-Arcipriet kien ukoll kmandah sabiex jqassam il-kuntratti li gew iffirmati lin-nies li kienu xtraw dawn l-oqbra. Fost dawn kien hemm ir-rikorrenti. Meta mar bil-kuntratt ghandu, l-uniku diskors li intqal kien li "*... wasal sa fl-ahhar*" (fol. 43). Diskors iehor ċert li ma sarx, ighid dan ix-xhud. Qal li kull min xtara qabar kellhu jhallas dawn it-€320 u mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala dan l-ammont ma ssemmiex fil-kuntratt, huwa qal li ma jafx x'kienet ir-raguni ghal dan.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Illi permezz ta’ din il-kawza, r-rikorrenti qieghed jitlob li jinghata lura mill-intimati s-somma ta’ tlett mija u ghoxrin euro (€320). Ir-rikorrenti jghid li dawn il-flus gew indebitament imhallsa lill-intimati meta huwa xtara u akkwista qabar, bin-numru mija u tmienja u ghoxrin (128) fic-cimiterju ta’ Sannat, Ghawdex, u dan permezz ta’ kuntratt datat it-tmintax (18) ta’ Frar, elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi. Skond dan il-kuntratt, il-prezz tal-qabar kien ta’ elf, hames mija u tmenin euro (€1,580) ma liema ammont kellhom jiżdiedu l-boll fl-ammont ta’ tmenin euro (€80) u l-kont tan-Nutar Cauchi fl-ammont ta’ mitt euro (€100). B’kollox allura elf seba’ mija u sittin euro (€1,760). Minkejja dan, huwa gie mitlub, mill-Parrocca ta’ Sannat, sabiex ihallas is-somma ta’ elfejn u tmenin Euro (€2,080) u mhux is-somma ta’ €1,760 hawn appena msemmija. Ghalhekk, ighid ir-rikorrenti huwa hallas indebitament l-ammont ta’ €320, liema ammont huwa qatt ma nghata spjegazzjoni ta’ xhiex kienu. Jghid li huwa nghata x’jifhem li parti minn dan l-ammont kien dovut ghat-taxxa fuq qliegh kapitali talvolta dovuta mill-intimati u li llegalment gie mitlub ihallas. L-intimati laqghu ghal din it-talba billi qalu li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi f’dan il-kaz stante li r-relazzjoni tar-rikorrenti hija mal-enti li maghha gie konkluż il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi tat-tmintax (18) ta’ Frar elfejn u tnax (2012) u li f’kull kaz, it-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt.

7. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati ġiet sorvolata bid-digriet datat 10 ta’ Dicembru, 2012 (fol. 16) u ghaldaqstant ma hemmx lok li t-Tribunal jidhol f’din il-kwistjoni u konsegwentement qieghed jichad l-istess.

8. It-tieni eċċezzjoni tal-intimati hija li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi stante li l-persuna li kellha titharrek kienet l-enti li maghha r-rikorrenti ghamel il-kuntratt tat-18 ta’ Frar, 2012 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi. Minn harsa lejn l-imsemmi kuntratt jirrizulta li fit-18 ta’ Frar, 2012 ir-Reverendu Tarcisio Camilleri flimkien ma Victor Gusman, Segretarju Amministrattiv tal-Kurja dehru ghan-nom u fl-interess tal-Knisja Parrokjali ta’ Sannat, Ghawdex bis-

sahha ta' digriet anness ma kuntratt fl-atti tan-Nutar Cauchi tat-18 ta' Frar, 2012. Rajna ukoll li b'rikors datat 27 ta' Novembru, 2012 ir-rikorrenti talab l-awtorizzazzjoni tat-Tribunal sabiex fl-okkju tal-kawza jiżdiedu l-kliem "*fil-kwalita taghhom ta' rappreżentanti tal-Knisja Parrokkjali Sannat Ghawdex*" (fol. 7). Dr. Jean Paul Grech, id-difensur ta' l-intimati, rrimetta ruhhu ghat-talba kif kontenuta fl-imsemmi rikors u dan skond ma jirrizulta mill-verbal datat 8 ta' Jannar, 2013 (fol. 26). Illi b'digriet datat 8 ta' Jannar 2013 it-Tribunal laqgha t-talba u ordna li ssir il-korrezzjoni kif tirriżulta mill-istess rikors (fol. 26). Ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ma hemmx lok li t-Tribunal jidhol f'din il-kwistjoni u konsegwentement qieghed jichad l-istess.

9. L-ahhar eċċezzjoni hija fil-mertu u cioe li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Ir-rikorrenti jixli lill-intimati li huma indebitament żammew is-somma fl-ammont ta' €320 meta huma qatt ma kellhom dritt ghaliha. Dan peress li meta mar biex jiffirma l-kuntratt tat-18 ta' Frar, 2012 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi u li permezz tieghu huwa xtara d-dritt ta' l-uzu tal-qabar numru 128 li jinsab fic-Cimiterju ta' Santa Margherita, fi Triq ix-Xewkija, Sannat, Ghawdex, l-ammont li kellhu jhallas kien il-prezz ta' l-imsemmi qabar u cioe l-ammont ta' €1,580 flimkien mal-ispejjez tal-boll (€80) u l-ispejjez tan-Nutar (€100) b'kollox €1,760 u mhux l-ammont li effettivament hallas ta' €2,080.

10. Dan l-ammont ta' €2,080 thallas permezz ta' ċekk (bank draft) datat 17 ta' Frar, 2012 fl-ammont ta' €2,000 intestat lill-Parrocca ta' Santa Margerita tas-Sannat (fol. 27) u €80 fi flus kontanti lin-Nutar Cauchi li da parti tieghu hallas il-boll relattiv (fol. 28).

11. Ghalhekk ir-rikorrenti jghid li huwa hallas indebitament id-differenza bejn l-ammont li effettivament hallas u cioe l-ammont ta' €2,080 u l-ammont li suppost kellhu jhallas u cioe l-ammont ta' €1,760. It-€320 li minnhom qieghed jilmenta r-rikorrenti tiġi meta tinhadem id-differenza bejn iz-zewg ammonti hawn appena msemmija.

12. Insibu li l-artikolu 1021 tal-Kapitolu 16 jghid li "*Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċiviha bla jedd*" u li jekk minn irċieva dawn il-flus ikun ghamlu b'mala fidi, allura huwa jkun irid "*irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas*" (Art. 1023(1) tal-Kap. 16). Jekk mill-banda l-ohra kien hemm il-bona fidi allura huwa "*mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss*" (Art.1023(2) tal-Kap. 16)[1]. Ovvjament abbinat ma dawn l-artikoli tal-ligi nsibu l-artikolu 1147 tal-Kap. 16 li jghid li "*(1) Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura*". Imbaghad fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu nsibu li "*(2) Iżda, ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali*".

13. Mill-provi jirrizulta li l-intimati kienu qeghdin jippretendu tali hlas ta' €320 u dan ghall-ispejjez amministrattivi inkorsi minnhom sabiex dawn il-kuntratti tax-xiri ta' l-oqbra isiru. Dawn l-ispejjez amministrattivi gew spjegati minn Victor Guzman bhala li jinkludu spejjez ġenerali, hin tan-nies u affarijiet ohra simili u mill-Arcipriet Dun Tarcisio Camilleri bhala "*... ġiri bil-karozzi l'hemm u l'hawn, photocopies u affarijiet ohra simili*" (fol. 39). F'dawn it-€320 kien hemm ukoll parti li tkopri l-hlasijiet tal-partijiet komuni. L-imsemmi Arcipriet qal li "*r-rikorrenti sal-lum ma hallasx tal-common parts*" (fol. 39). Issa l-mistoqsija li jrid jwieġeb it-Tribunal hija, l-intimati kellhom dritt li jirċievu dan l-ammont żejjed ta' €320 meta l-prezz tax-xiri tad-dritt ta' l-uzu kien ta' €1,580, l-ispejjez tal-boll (li riedu jithallsu mir-rikorrenti skond il-ligi) kienu ta' €80 u l-ispejjez tan-Nutar (li ġeneralment jithallas min minn jakkwista) kienu ta' €100, b'kollox €1,760?

[1] L-artikolu 1026 (1) tal-Kap. 16 jistipula li l-artikoli 540 sa 545 u 547 ghandhom jghoddu għal kull persuna li tkun irċeviet ħaġa mingħajr jedd, skont jekk tkun irċevietha b'bona fidi jew b'mala fidi. Filwaqt li s-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jghid li d-disposizzjonijiet tal-artikoli 548, 549 u 550 igħoddu wkoll fil-każijiet kollha għal dik il-persuna.

14. Fis-seduta tal-lum it-Tribunal sejjah lir-rikorrenti biex jixhed. Huwa qal li l-Hamis ta' qabel ma gie ffirmat il-kuntratt kien cempillu l-Arcipriet u qallu li kellhu jiehu mieghu s-somma ta' €2,000. L-ghada u cioe l-Gimgha reggha cempillu l-Arcipriet u qallu li kien €80 ohra zejda xi jhallas. Dwar l-ammont ta' elfejn euro (€2,000) ir-rikorrenti ha hsieb li jaghmel *bank draft* filwaqt li ghat-tieni ammont dawn hadhom fi flus kontanti. Jirrizulta ukoll li dawn it-€320 issemmew ghal ewwel darba dak in-nhar li gie ffirmat il-kuntratt f'laqgha li saret appozitament ftit qabel, ghalkemm skond id-deposizzjoni tar-rikorrenti li ta' llum stess huwa qal li sar jaf b'dan l-ammont madwar sitt xhur wara li gie ffirmat il-kuntratt. It-Tribunal pero ma huwiex konvint dwar dan. Skond ma xehed Victor Guzman, kien hemm minn ma aċċettax ihallas dawn it-€320 u ma ghamilx il-kuntratt relattiv u kien hemm minn aċċetta li jhallashom u ghamel il-kuntratt. Fil-fatt Guzman, lir-rikorrenti qallu li "*... jekk hu jhoss li ma jridx ihallashom allura setgha faċilment ma jiffirmax il-kuntratt. Minkejja dan hu xorta ffirma l-kuntratt*" (fol. 41). B'daqshekk biss gie li r-rikorrenti rrinunzja ghad-drittijiet tieghu li jitlob li jiġu rifuzi lura lilu l-flejjes li huwa qieghed jghid li hallas indebitament? Fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt li r-rikorrenti hallas dan l-ammont bl-ebda mod ma naqqaslu xi dritt li jitlob lura dawn il-flejjes. Ma hemm xejn fil-kuntratt li jindika li huwa kien qieghed jirrinunzja ghal xi dritt bhal dan, liema dritt del resto taghtihulu l-ligi.

15. Fil-fehma tat-Tribunal parti minn dawn it-€320 qatt ma kellhom jintalbu mill-intimati. Il-prezz ghax-xiri tad-dritt ta' uzu tal-qabar kien ta' €1,580. It-Tribunal jifhem li meta l-intimati waslu ghal dan l-ammont, huma hadu in konsiderazzjoni l-ispejjez kollha involuti. Ghalhekk, meta sar il-kuntratt, jekk xejn dawn it-€320 messhom żdiedu fil-prezz tax-xiri tad-dritt ta' uzu jew inkella kienu jitnizzlu fuq parti ohra tal-kuntratt oltre l-prezz tal-akkwist bhala spejjez inkorsi mill-intimati li kellhom jithallsu mir-rikorrenti. It-Tribunal ma huwiex sodisfatt mil-mod kif gew spjegati dawn l-ispejjez mill-intimati u ghalhekk it-Tribunal ma huwiex sodisfatt li dawn il-flejjes kienu verament dovuti fl-intier taghhom. Parti minnhom però kienu dovuti u dan bhala kontribuzzjoni ghall-ispejjez ta' manutenzjoni li l-

koncendent nomine fil-kuntratt tat-18 ta’ Frar, 2012 kien obbliga ruhhu li jaghmel. Ghalhekk, minn dan l-ammont ta’ €320, l-intimati kellhom kull jedd li jżommu s-somma ta’ €20 pero ma kellhom l-ebda jedd li jżommu l-bilanc ta’ €300, liema bilanċ it-Tribunal sejjer jordna lill-intimati nomine biex jirrestitwixxu lura lir-rikorrenti. Ma jirriżultax lit-Tribunal li kien hemm xi mala fede da parti ta’ l-intimati meta huma talbu dan il-hlas addizzjonali u ghalhekk ma hemmx lok li l-parti li t-Tribunal qieghed jordna li tiġi rifuza lura lir-rikorrenti tkun bl-imghax skond ma jiddisponi l-Artikolu 1023 (1) tal-Kap. 16.

16. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi t-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati nomine qieghed jilqa in parte t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimati nomine sabiex jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta’ tlett mitt euro (€300) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimati nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------